# Il-paċi waħedha tfejjaq il-ġrieħi bejn il-popli

## Adorazzjoni Ewkaristika

## Marzu 2026

### Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija

Sid li ġibt fix-xejn lill-prinċep
ta' did-dinja u fdejt lill-bniedem:
lilek nuru l-ferħ ta' qalbna
għall-għemil ta' salvazzjoni!

*Missierna, Sliema, Glorja*

Bis-salib lill-mewt xejjintha
biex mid-dlam għad-dawl toħroġna;
u neħħejt il-għajb tal-ħażen,
biex tkun tiddi r-ruħ bl-indafa.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Issa, mifdijin u ħielsa,
nersqu lejk sabiex, kif b'demmek
ħassart il-kundanna tagħna,
hekk mid-dnub iżżommna mbiegħda.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Irroddulek ħajr għal dejjem
għal kull don u grazzja tiegħek
li tagħtina tul triqitna
biex inżommu sħaħ sal-aħħar.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ġieħ u sebħ għal dejjem, Kristu,
Sultan twajjeb, jintradd lilek,
lill-Missier u lill-Ispirtu
Difensur u Faraġ tagħna. Ammen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Fl-intenzjoni tiegħu għax-xahar ta' Marzu, il-Papa qed iħeġġiġna nitolbu biex il-pajjiżi jersqu tassew lejn id-diżarmament, l-aktar dak nukleari, u biex il-mexxejja tad-dinja jagħżlu t-triq tad-djalogu u tad-diplomazija flok dik tal-vjolenza. U, quddiem il-ġrajjiet li qed naraw iseħħu madwar id-dinja, minkejja li relattivament 'il bogħod minn art twelidna, permezz tal-midja soċjali u tat-teknoloġija, l-aħbarijiet jaslu immedjatament u d-distanzi qsaru ħafna. Imkien m'għadu daqshekk 'il bogħod. Xeni tal-biki li fina jqanqlu rabja għall-inġustizzja

u l-ħażin, imma wkoll talba ħerqana, bid-dmugħ f'għajnejna, għall-paċi tassew fost il-popli.

Imma m'ilniex nitolbu għall-paċi? Kemm se ndumu nitolbu għall-paċi u donnha ma tasal qatt? Minkejja li fil-jiem li għaddew il-kunflitti ħadu żvolta kbira f'daqqa, nafu li x-xabla tal-gwerra kienet ilha mdendla fuq ras l-umanità biex tfaqqa' fuq skala kbira. Imma bla ma rridu nsibu lilna nfusna forsi wkoll nitilfu l-fiduċja: nitilfu l-fiduċja fit-taparsi rieda tajba ta' xi wħud mill-mexxejja; nitilfu il-fiduċja fit-tjubija tal-bniedem, donnu mhux veru li kapaċi jagħmel it-tajjeb imma biss inassas u jqarraq; forsi xi ftit ukoll nitilfu l-fiduċja f'Alla li qisu jibqa' kwiet, ma jagħmel xejn. Madankollu, f'din is-siegħa ta' dlam għad-dinja kollha u mument ta' tiġrib għall-fidi tagħna, dlonk tiġi tiltaqa' magħna kelma mid-diskors tal-isqof Santu Wistin fuq Salm 141 biex tagħmlilna 'l qalb:

> *Mulej, sejjaħtlek: ismagħni*; *agħti widen għal-leħen tat-talb tiegħi kull meta ngħajjatlek*. Inti taħseb li b'daqshekk ma għandekx għalfejn issejjaħ iżjed għax għedt *sejjaħtlek*. Sejjaħt, imma qis li ma sserraħx rasek. Kieku t-taħbit ġie fi tmiemu, hu mitmum ukoll l-għajat tiegħek. Imma jekk jibqa' t-tiġrib tal-Knisja u l-ġisem ta' Kristu sal-aħħar taż-żmien, allura [s-salmista] ma jgħidx biss: *Sejjaħtlek, ismagħni*, imma jgħid ukoll: *Agħti widen għat-talb tiegħi kull meta ngħajjatlek*.
>
> *Ikun it-talb tiegħi bħal inċens quddiemek; ikunu jdejja merfugħa 'l fuq bħas-sagrifiċċju filgħaxija*. (*Enarrationes in Psalmos, 140.4-5; PL 36.1817-1818*)

Għalhekk, ejjew mill-ġdid nagħmlu l-qalb, u flimkien b'vuċi waħda nissieħbu fil-karba tiela' lejn is-sema minn kull rokna tad-dinja, u fil-preżenza tal-Mulej ħaj intennu t-talba tagħna għall-paċi fid-dinja.

## Innu Ewkaristiku

"Tħallux qalbkom titħawwad! Emmnu f'Alla, u emmnu fija wkoll. ... Jiena nħallilkom is-sliem; nagħtikom is-sliem tiegħi; ma nagħtihulkomx kif tagħtih id-dinja. Tħallux qalbkom titħawwad u anqas titbeżża'." Hekk għedt lid-dixxipli miġbura madwarek, Mulej Ġesù, waqt l-aħħar ikla qabel il-passjoni tiegħek, kif insibu fl-Evanġelju skont San Ġwann (14, 1. 27). Madankollu d-dixxipli tgerfxu u tferrxu wara l-arrest tiegħek fil-Ġetsemani għax f'qalbhom il-fidi kienet għadha ma ssudatx biżżejjed u ma kisbitx il-qawwa tal-Ispirtu Qaddis tiegħek li ġie mogħti lilhom wara t-tlugħ tiegħek fis-sema, bħalma ġie wkoll mogħti lilna fil-magħmudija.

U nafu kif ikompli r-rakkont tal-passjoni tiegħek mirqum minn idejn l-istess Evanġelista Ġwanni: Mal-ordni ta' Pilatu, is-suldati ħaduk biex jagħtuk is-swat, u, wara li xeddewlek kuruna minsuġa mix-xewk u libbsuk mantar aħmar skur, huma bdew ġejjin quddiemek u jgħidulek: "Is-sliem għalik, ja sultan tal-Lhud!" (Ġw 19, 1-3). Sellmulek bis-sliem u tawk bil-ħarta biex jiżżuffjettaw bik. U hekk għadna nagħmlu aħna wkoll, illum, kull meta, bħal Pilatu, ma naċċettawx li

nisimgħu t-tweġiba għall-mistoqsija tiegħu "Il-verità x'inhi?" (Ġw 18, 38), u minflok nieħdu r-riedni f'idejna u mmexxu kif jidhrilna aħna li hu l-aħjar u li hu skont is-sewwa, u li l-iktar jista' jġib paċi fostna, anke jekk il-prezz hu wisq qares jew il-mod hu għal kollox kontra l-istess paċi.

Mentri l-verità vera tiċħad kull dlam, kull tnassis, u kull vjolenza, għax huwa inti l-veru "Prinċep tas-sliem" (Is 9, 5). Inti l-Prinċep tas-sliem li fid-deżert ċħadt il-ħakma fuq is-saltniet kollha, li biha pprova jwebblek ix-Xitan, li hu "il-prinċep tad-dinja" (Ġw 14, 30), meta ġie jżurek hemm fejn l-Ispirtu ħadek biex tiġi mġarrab (ara Mt 4, 1-11). Minflok, inti fittixt li tagħtina s-saltna tiegħek b'don, bħala rigal mogħti b'xejn, bħala offerta libera lil-libertà tagħna—sagrifiċċju tas-sliem li bih ħallast inti nnifsek għad-dejn tagħna u, flok użajt il-vjolenza, flok kissirt lilna, tkissirt int.

Iva, inti hu "s-sliem tagħna," kif ifisser l-Appostlu Pawlu fl-Ittra lill-Efesin (ara 2, 14-22), għax, sew mill-poplu Lhudi u sew mill-ġnus tad-dinja, int ridt tagħmel poplu wieħed, billi ġarraf dak li kien jifridna bis-sagrifiċċju ta' ġismek. Int ħabbart u għadek tħabbar is-sliem, sew lil min jinsab fil-qrib u sew lil min hu mbiegħed minnek, sabiex, bħala "ċittadini flimkien mal-qaddisin u nies tad-dar ta' Alla," ilkoll nissieħbu f'din is-saltna "ta' verità u ħajja, saltna ta' qdusija u grazzja, saltna ta' ġustizzja, imħabba u sliem" (*Prefazju tas-Solennità ta' Sidna Ġesù Kristu, Sultan tal-Ħolqien Kollu*). Huwa biss fik u miegħek, Mulej Ġesù, li tista' tinbena dinja aħjar, b'ġebel ħaj minġur sewwa—li huwa aħna—skont l-ordni mwaqqaf fil-bidu tal-ħolqien biex hekk id-dinja mill-ġdid terġa' ssir "dar fejn jgħammar Alla."

## Innu Ewkaristiku

F'dawn l-aħħar ġimgħat, il-Papa Ljun XIV bla heda saħaq fuq l-urġenza tal-ħidma għall-paċi vera filwaqt li appella biex jissikktu l-armi, jitwaqqfu l-bumbardamenti, biex bla telf ta' żmien jitwaqqaf il-ġlied u, minflok, naqbdu lkoll it-triq tad-djalogu li waħedha biss tista' twassal għal paċi ġenwina. Għax, tassew, "kull gwerra hi ġerħa għall-familja kollha tal-bnedmin: tħalli warajha mewt, qerda u mewġa ta' niket li timmarka ġenerazzjonijiet sħaħ" (*Angelus*, 22 ta' Frar 2026). Kontra l-loġika purament umana, it-triq għas-sliem li wriena Kristu tgħallimna li "l-istabbiltà u l-paċi ma jiġux bit-theddid reċiproku u lanqas bl-armi li jiżirgħu qerda, niket u mewt, imma biss permezz ta' djalogu skont ir-raġuni, awtentiku u responsabbli. ... Il-paċi waħedha, don ta' Alla, tista' tfejjaq il-ġrieħi bejn il-popli" (*Angelus*, 1 ta' Marzu 2026).

Ejjew għalhekk nilqgħu dan l-appell u noffra talb u suppliki b'leħen għoli u bid-dmugħ lil dak li waħdu jista' jsalvana mill-qerda u l-mewt.

- Seddaq ir-ragħajja tal-Knisja u dawk kollha li għandhom ministeru ta' xandir tal-Kelma jew ta' ħidma favur il-ġustizzja sabiex, bit-tħabbrik tagħhom, inkomplu ninbnew bħala poplu wieħed imsejjes fuqek, il-ġebla tax-xewka li fik il-bini kollu jintrabat sewwa u dejjem iżjed nissawru

f'tempju qaddis għall-qima tiegħek u għall-ħarsien tal-qdusija tal-ħajja umana. Nitolbu.

- Wettaq il-mexxejja tal-popli tad-dinja kollha sabiex jassumu r-responsabbiltà morali tagħhom li jistinkaw biex jinkiser iċ-ċiklu vizzjuż tal-vjolenza qabel ma jsir dagħbien li diffiċli jitreġġa' lura. Nitolbu.
- Ibdel il-preokkupazzjoni raġonevoli tagħna f'att dejjem ikbar ta' fiduċja fik bħala s-Sid waħdieni tal-istorja li, ma' dawk li jħobbuk, f'kollox taħdem id f'id għall-ġid tagħhom u tal-bnedmin kollha. Nitolbu.
- Ħa jsaltan is-sliem tiegħek f'qalb kull bniedem għax hu minn hemm—mill-qalba l-iktar ġewwinija tagħna—li tista' tinbet u tisponta paċi ġenwina. Nitolbu.
- Qawwi lil dawk kollha involuti fid-diversi tentattivi ta' trattattivi ta' paċi u sforzi diplomatiċi. Agħmel li ma jaqtgħux qalbhom quddiem il-qlub iebsa u magħluqa. Nitolbu.
- Ibgħat l-Ispirtu tiegħek fuqna lkoll sabiex fina jnissel il-frott tas-sliem, l-imħabba, l-hena, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, u r-rażan. U rawwem fost il-poplu tiegħek żgħażagħ li fihom dan il-frott iwassalhom biex iħallu kollox sabiex jimxu warajk bħala ħaddiema fil-ħsad tiegħek. Nitolbu.
- Rodd mill-ġdid is-saħħa lil dawk li sfaw feruti fid-diversi konflitti madwar id-dinja, u agħti l-mistrieħ ta' dejjem lill-vittmi, sew ċivili u sew suldati u ċittadini oħra fuq il-qadi ta' dmirhom. Nitolbu.

Bik, Mulej Ġesù, il-Missier għoġbu jerġa' jħabbeb kollox miegħu, u bid-demm tiegħek, imxerred fuq is-salib, ġieb is-sliem permezz tiegħek fis-sema u fl-art. Ħa jsaltan fi qlubna u fi qlub il-bnedmin kollha s-sliem tiegħek, dak is-sliem li għalih sejjaħtilna biex insiru ġisem wieħed fik, li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Barka Sagramentali